# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 803

KAZ NRU. 1034

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union
Taqsima Parastatali

u

TeleMalta Corporation

dwar il-promozzjoni ta'
Charles Fenech

Data : 5 ta' Marzu, 1997

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**Membri : Is-Sur Frans Coleiro**
**Is-Sur Alfred Mallia Milanes**

## 1. INTRODUZZJONI

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani biex tigi processata skond l-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-ittra tal-Ministru ggib id-data ta' l-14 ta' Mejju, 1996 Ref. ME 4/95/142/11.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

It-TeleMalta Corporation li minn issa ‘l quddiem tissejjah il-”Korporazzjoni” kienet rapprezentata mis-sur Michael Debono, Assistant General Manager - Human Resources assistit mill-avukat Joseph Schembri waqt li t-Taqsima Parastatali tal-General Workers’ Union tidher bhala l-”Union” kienet rapprezentata mis-sur Lino Debono Segretarju, assistit mis-sur Daniel Gauci.

Kien prezenti wkoll is-sur Charles Fenech.

## 2. **PRELIMINARI**

Fl-ewwel seduta l-Korporazzjoni resqet eccezzjoni preliminari ghab-bazi tal-ftehim bejn il-partijiet li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Promozzjonijiet kellha titqies finali. Il-Union irrispondiet li t-tilwim li kellha mal-Korporazzjoni, ghalkemm kienet tinvolvi lill-Charles Fenech, kienet dwar in-nuqqas tal-Korporazzjoni li tonora ftehim verbali, u ghalhekk id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli ma kinitx tinnegalha li tirreferi il-kaz ta’ Fenech lit-Tribunal Industrijali. Sussegwentement, it-Tribunal iddikjara li ma setax jara li t-Tilwima ma setghetx tkun riferita lit-Tribunal.

Il-Korporazzjoni ma baqghetx tinsisti fuq l-eccezzjoni taghha.

## 3. **XHIEDA**

Tul is-smigh tat-Tilwima dehru u xehdu s-segwenti :

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur John Scicluna | - | ex-Chairman tal-Korporaz-zjoni |
| Is-sur Paul Mifsud | - | Customer Service Officer - Telemalta |
| Is-sur Jack Calamatta | - | Segretarju Generali - G.W.U. |

Is-sur Anthony Debono - Chief Executive Officer - TeleMalta

Sar konfront tax-xhieda John Scicluna u Jack Calamatta.

## 4. DOKUMENTI

Tul is-smigh tat-Tilwima gew prezentati s-segwenti dokumenti :

(a) Agreed Minute bejn Telemalta u t-Taqsima Parastatali G.W.U. datata 22 ta' Gunju, 1989.

(b) Fotokopja ta' ittra mill-Union lit-Telemalta datata 14 ta' Jannar, 1989.

(c) Fotokopja ta' ittra mill-Union lit-Telemalta datata 18 ta' Gunju, 1990.

(d) Fotokopja ta' ittra mill-Union lit-Telemalta datata 28ta' Gunju, 1990.

(e) Fotokopja ta' "acknowledgement" mit-Telemalta lill-G.W.U. datata 2 ta' Lulju, 1990.

(f) Fotokopja ta' ittra mill-Union lit-Telemalta datata 4 ta' Lulju, 1990.

(g) Fotokopja ta' "acknowledgement" mit-Telemalta lill-Union datata 5 ta' Lulju, 1990.

(h) Fotokopja ta' ittra mill-Union lit-Telemalta datata 7 ta' Lulju, 1990.

(i) Fotokopja ta' Rizultati ta' Promozzjonijiet - 1990.

(j) Fotokopji ta' zewg ittri mit-Telemalta datati l-4 u 5 - 6 ta' Gunju 1990 lil Paul Mifsud dwar il-promozzjoni tieghu ghall-Telegraph Supervising Officer.

(k) Fotokopja ta' ittra mit-Telemalta datata 8 ta' Awissu, 1990 lis-sur Joseph Ellul dwar il-promozzjoni tieghu ghall-Telegraph Supervising Officer.

(l) Fotokopja ta' "hand written notes" dwar meeting bejn is-sur Calamatta u c-Chairman John Scicluna dwar promozzjonijiet ghall-H.T.O.

(m) Fotokopja ta' OPM Circular No. 77/88 datata 14 ta' Lulju, 1988 dwar il-Korrispondenza mal-Unions.

(n) Fotokopji ta’ sejhiet ghall-mili ta’ vakanzi ta’ Chief Technical Officer, Higher Technical Officer u Senior Technical Officer mahrugin fid-29 ta’ Lulju, 1992.

(o) Fotokopja tar-rizultat ta’ l-intervisti li saru ghall-vakanzi CTO, HTO u STO.

(p) Fotokopja tar-Rapport kif kellhom jintlew il-vakanzi u minuta tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi Nru. 533.

(q) Rapport tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji - K. 57.

(r) Rapport tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji K.57A

(s) Fotokopja ta’ Rapport tas-Selection Board ghall-mili ta’ vakanzi datat 18 ta’ Ottubru, 1983, iffirmat mis-sinjuri A. Debono, M. Cachia u A.M. Muscat.

(t) Fotokopja ta’ Rapport datat 12 ta’ Novembru, 1993 fuq il-firem tas-sinjuri R. Galea Debono, J. Camilleri u J. Gerada dwar ir-”redress of ingusticies : CTO, HTO, STO.”

(u) Fotokopja ta’ Rapport datat 19 ta’ Lulju, 1995 mill-Bord ta’ Appelli - Promozzjonijiet

(v) Fotokopja tal-Karriera tas-sur Wallace Tabone bejn 1950 u 1993.

(w) Fotokopja tad-decizjoni Nru. M. 66 tal-Bord ta’ Appelli - Promozzjonijiet datat 19 ta’ Lulju, 1995 dwar l-Appell tas-sur Wallace Tabone.

(x) 3 kopji tal-Collective Agreements bejn it-Telemalta u t-t-Taqsima Parastatali ghall-perjodi :-

1 ta’ Ottubru, 1986 sa 30 ta’ Settembru, 1989
1 ta’ Ottubru, 1989 sa 30 ta’ Settembru, 1992
1 ta’ Ottubru, 1992 sa 31 ta’ Dicembru, 1995

## 5. **SOTTOMISSJONIJIET**

Fl-iStatement of Case taghha l-Union ikkontendiet li qabel ma gie miftiehem Agreed Minute f’Gunju, 1989, li kien jirrigwarda l-complement fid-diversi “grades or trades” tal-Korporazzjoni Telemalta u nholqu zewg gradi godda, dawk ta’ Telegraph

Supervising Officer (T.S.O.) u Higher Technical Officer (H.T.O.), kien sar ftehim verabli, deskritt bhala “gentlemen’s agreement” bejn ic-Chairman ta’ dak iz-zmien is-sur John

Scicluna u s-segretarju tat-Taqsima Parastatali s-sur Lino Debono biex certi ndividwi jkunu promossi f’dawn il-gradi.

Wara protesti verbali u miktubin mill-Union, il-Korporazzjoni onorat dik il-parti tal-”gentlemen’s agreement” rigward is-sinjuri Emm. Sammut u Jos. Ellul li gew promossi Telegraph Supervising Officers, izda wara li kien hemm bdil fic-Chairmanship, il-Korporazzjoni naqset li tonora l-parti l-ohra biex Charles Fenech jigi promoss Higher Technical Officer.

Il-Union ghalhekk issottomettiet li t-Tribunal isib lill-Korporazzjoni qeghda tonqos li tonora dak li kien gie miftiehem verbalment u ghandu jordna lill-Korporazzjoni taghti l-promozzjoni ta’ Higher Technical Officer lis-sur Charles Fenech b’sehh minn Gunju 1987.

Min naha taghha l-Korporazzjoni ssottomettiet li mill-minuti tal-laqghat mal-Union jirrizulta li l-Union kienet kontra l-hrug ta’ direct appointments.

Dwar il-kaz tas-sur Fenech, il-Korporazzjoni qalet li meta ma ntghazilx bhala H.T.O. huwa applika u deher quddiem il-Bord tal-Appelli - Promozzjonijiet, li sab li Fenech ma kellux ragun. U din id-decizjoni kellha tkun finali skond it-Telemalta fil-kuntest ta’ kif kienu qeghdin jigu diskussi materji sensittivi ta’ promozzjonijiet, l-allegat “gentlemen’s agreement” ma setax iregi u jekk stess kien hemm dan il-ftehim, xorta ried ikun ikkonfermat mill-Bord tad-Diretturi, li ma gratx.

Il-Korporazzjoni kkonkludiet li fil-fehma taghha agixxiet korrettement fil-konfront tas-sur Charles Fenech.

## 6. **SOTTOMISSJONIJIET FINALI**

Il-Union irrepetiet l-origini tal-"gentlemen's agreement" u ziedet kif wara protesti, l-Korporazzjoni tat il-promozzjoni ta' Telegraph Supervising Officer lill-Emm Sammut u Jos. Ellul f'Awissu 1990 biex onorat l-ewwel parti tal-'gentlemen's agreement".

Il-Union spjegat li l-procedura stabbilita permezz ta' l-Agreed Minute li jkun hemm Bord tal-Appelli - Promozzjonijiet bl-ebda mod ma kien jinnegalha d-dritt li tiehu l-kaz tas-sur Fenech bhala tilwima kagunata minn nuqqas tal-Korporazzjoni li tonora t-tieni parti tal-"gentlemen's agreement".

It-Taqsima tal-Union argumentat li rnexxielha tistabbilixxi l-ezistenza rejali tal-"gentlemen's agreement" mix-xhieda prodotti, li rribattiet l-argument tal-Korporazzjoni li ma kienx hemm noti jew records li dan kien jezisti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Union irrepetiet it-talba taghha li t-Tribunal jordna lill-Korporazzjoni taghti l-promozzjoni ta' Higher Technical Officer lis-sur Charles Fenech b'sehh minn Gunju 1987.

Il-Korporazzjoni ssottomettiet li l-kaz tal-Union kien bazat fuq l-ezistenza tal-"gentlemen's agreement", li ghalkemm veru gie stabbilit waqt is-smigh tat-tilwima li kien hemm dan il-ftehim, ghandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-Ftehim Kollettiv gdid li l-Klawsola 1(2) tghid is-segwenti :-

"This agreement is the sole and exclusive instrument

regulating the relations, rights and duties of the contracting parties, and all previous collective agreements, annexes, appendices and agreed minutes no longer apply"

Din il-Klawsola argumentat il-Korporazzjoni kienet tirrendi l-ftehim verbali inaplikabbli u skadut, ghax kien ghazlu li jhassru kwalunkwe ftehim iehor precedenti bejniethom.

Il-Korporazzjoni ziedet tghid li galadarba l-partijiet ghazlu li jaghmlu hekk, is-sur Fenech tilef id-dritt li jorbot il-kaz tieghu fuq il-"gentleman's agreement".

Barra minnhekk il-Korporazzjoni ddikjarat li wara l-Ftehim Kollettiv li gie ffirmat f'Dicembru 1993, fuq l-insistenza tal-Union kien sar ftehim f'Marzu, 1994 li l-mili ta' vakanzi jsiru b'sejha ghall-applikazzjonijiet u mhux b'"direct appointment".

Il-Korporazzjoni kkontendiet li Charles Fenech ma opponiex li japlika ghas-sejha ta' vakanzi fil-grad ta' H.T.O., uza l-makkinarju tal-Bord tal-Appelli, deher u spjega l-kaz tieghu u ma hax ragun. Dan skond it-Telemalta kien kollu kopert bil-Collective Agreement vigenti u ghaldaqstant ma kienx hemm aktar xi jsir la d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli kellha tkun finali.

Finalment, il-Korporazzjoni ssottomettiet li skond l-Att tat-Telemalta, kull promozzjoni, upgrading jew appointment kien jinhtieglu l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi. Kwindi kemm ic-Chairman kif ukoll ic-Chief Executive Officer ma kellhomx l-awtorita' li japprovaw il-promozzjoni tas-sur Fenech by "direct appointment" u ghalhekk il-promozzjoni tas-sur Fenech riedet l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi.

F’osservazzjonijijiet addizzjonali, l-Union spjegat li l-iskop kollu wara l-Klawsola 1(2) tal-Ftehim Kollettiv vigenti kien li jkun stabbilit il-Complement fi Ftehim wiehed, alavolja dan ghadu ma giex miftiehem, minflok diversi appendici. Il-Korporazzjoni rriteniet li kieku l-Union riedet izzomm il-ftehim verbali kienet idahhal rizerva fl-ahhar Ftehim Kollettiv. Galadarba dan ma sarx, allura il-Ftehim Kollettiv vigenti jissupera kull ftehim iehor, inkluz il-”gentlemen’s agreement”.

## 7. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

Il-meriti tat-Tilwima huma fil-fehma tat-Tribunal kundizzjonati u governati principalment mill-pozizzjoni taz-zewg partijiet, cioe’ dik fil-kaz tal-Union li kien hemm nuqqas min-naha tal-Korporazzjoni Telemalta li taderixxi mal-ftehim verbali, hekk imsejjah “gentlemen’s agreement” bejn is-Segretarju tal-Union u c-Chairman tal-Korporazzjoni ta’ dak iz-zmien, qabel l-iffirmar tal-Agreed Minute f’Gunju 1989, li certi ndividwi kellhom jkunu promossi, fosthom Charles Fenech u fil-kaz tal-Korporazzjoni l-insistenza originali li ma kien jezisti l-ebda “record” tal-”gentlemen’s agreement” citat mill-Union u finalment li anke jekk dan l-”agreement” kien sar, dan gie supersidjat u kwindi rrendut inaplikabbli bl-Artiklu 1(2) tal-Ftehim Kollettiv vigenti li gie ffirmat f’Dicembru, 1993.

Dan l-Artiklu jiddikjara li :-

> “This Agreement is the sole and exclusive instrument regulating the relations, rights and duties of the contracting parties, and all previous collective agreements, annexes, appendices and agreed minutes no longer apply”.

F’dan ir-rigward, skond il-Union li l-hekk imsejjah “gentlemen’s agreement” kien il-preludju tal-Agreed Minute bejn il-partijiet tat-22 ta’ Gunju, 1989.

Jirrizulta li din l-Agreed Minute stabbilixxiet l-istituzzjoni ta’ Bord ta’ Appell biex tistharreg ilmenti dwar promozzjonijiet kien maghmul minn Chairman indipendenti accettabbli ghaz-zewg partijiet u Membru nominat mill-Korporazzjoni u iehor mill-Union.

Il-kompitu ta’ dan il-Bord kien jinkludi li d-decizjoni tieghu tkun finali u torbot lill-partijiet.

Dan qieghed jigi sollevat ghar-raguni li Charles Fenech, il-persuna koncernata fit-Tilwima appellat lill-Bord ta’ Appell - Promozzjonijiet, li cahad l-Appell ta’ Fenech u minhabba l-kontenzjoni tal-Union li d-decizjoni tal-Bord bl-ebda mod ma kienet iccahhad lill-Union li tirreferi t-tilwima lit-Tribunal Industrijali.

Barra minnhekk gie sollevat ukoll li l-Bord ta’ Appell - Promozzjoni illimita l-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar il-marki li ottjena Fenech u ma dahalx fil-meriti tal-”gentlemen’s agreement”.

Id-decizjoni tal-Bord ta’ Appelli - Promozzjonijiet igib id-data tad-19 ta’ Lulju, 1995.

F’dan l-istadju t-Tribunal irid jissolleva li l-Ftehim Kollettiv ifirmat f’Dicembru 1993 jkopri l-perjodu bejn l-1 ta’ Ottubru 1992 u l-31 ta’ Dicembru, 1995, bir-rizerva li wara din id-data l-Ftehim Kollettiv jibqa’ jsehh sakemm ma jigix riferut lit-Tribunal Industrijali.

Ghalkemm originarjament il-Korporazzjoni kkontestat l-ezistenza tal-”gentlemen’s agreement”, ossija l-ftehim verabli

ndikat mill-Union li kien jimplika promozzjoni lil xi ndividwi, t-Tribunal huwa sodisfatt li minn dak li sema' waqt is-smigh tat-Tilwima, gie stabbilit konklussivament li dan il-ftehim kien sar u li l-ezistenza tieghu kienet konfermata mix-xhieda, korrispondenza u dokumenti esebiti.

Gie stabbilit li Emm. Sammut u Jos. Ellul gew promossi S.T.O.'s nonostante li ma kienux ikkwalifikaw fl-order of merit skond il-marki li kienu ottjenew fis-*selection procedure,* u dan wara diversi ittri mill-Union lill-Korporazzjoni, ittri li kienu jirreferu ghall-ftehim verbali, kontenzjoni tal-Union li ma jidhirx li kienet kontestata mill-Korporazzjoni, fir-risposti taghha b'korrispondenza.

F'dan ir-rigward wiehed ma jridx jinsa l-argument originali tal-Korporazzjoni fl-iStatement of Case taghha kien li ma kien hemm l-ebda "record" dwar l-ezistenza ta' l-hekk imsejjah "gentlemen's agreement" u kien biss meta l-ezistenza ta' dan il-ftehim giet stabbilita' mix-xhieda tas-sur John Scicluna u Ant. Debono, ex-Chairman u Chief Executive rispettivament tal-Korporazzjoni Telemalta li l-Korporazzjoni kkwotat, jew ahjar invokat l-Artiklu 1(2) tal-Ftehim Kollettiv vigenti biex tiddefendi l-pozizzjoni taghha.

L-anqas ma kien kontestat li Charles Fenech kien wiehed mill-individwi kopert fil-"gentlemen's agreement".

It-Tribunal josserva li ghalkemm Charles Fenech ma jidhirx li kkwalifika biex jigi promoss H.T.O. peress li l-marki li ottjena fis-"selection procedure" ma kienux bizzejjed biex ikun inkluz fil-kwota ta' promozzjoni ghal grad ta' H.T.O., is-Selection Board irrikomandah biex jigi promoss kif jidher fir-rapport ta' l-istess Board datat 18 ta' Ottubru, 1993 fil-"List of Candidates who merit a promotion (as specified in para 7 of the report)".

Dan kien kollu konfermat fix-xhieda tas-sur Anthony Debono, General Manager tal-Korporazzjoni u Chairman tas-Selection Board, li quddiemu deher Fenech.

It-Tribunal josserva wkoll li l-limitazzjoni tal-kwoti dwar kemm kellu jkun hemm promozzjonijijiet fit-tlett gradi pubblikati ma gietx segwita kif jidher fid-Decizjoni Preliminari tal-Bord ta' Appelli - Promozzjonijiet datat 19 ta' Lulju, 1995, pagna 8 fejn jiddikjara li :-
"Qabel ma jaghlaq fuq dan il-punt preliminari, dan il-Bord josserva li originarjament kien hemm vakanzi limitati ghall-gradi ta' C.T.O., H.T.O. u S.T.O u cioe' 2, 8 u 12 (22) rispettivament. Fil-fatt u biex titwettaq id-decizjoni tal-Bord tad-Diretturi, saru b'kollox 51 promozzjonijiet; 5 C.T.O. minflok 2, 13 H.T.O. minflok 8 u 33 S.T.O. minflok 12.

Jekk huwa minnu li l-kwoti ffissati ghall-promozzjonijiet sfaw maqbuza ghar-raguni biex jigu onorati u esegwiti d-decizjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u din kienet meqjusa raguni valida biex jinqabzu l-kwoti tal-promozzjonijiet u b'hekk jigu korreguti ngustizzji daqstant iehor fil-fehma tat-Tribunal kienet tkun valida l-promozzjoni ta' Charles Fenech ghall-H.T.O. ghab-bazi tar-rikommandazzjoni tas-Selection Board.

Finalment, it-Tribunal ma setax ma jaghtix l-ikbar kunsiderazzjoni lis-sottomessjoni finali tal-Korporazzjoni li bl-artiklu 1(2) tal-Ftehim Kollettiv vigenti, l-claim li Charles Fenech jigi promoss H.T.O. ma baqax validu, galadarba l-imsemmi artiklu jissupersidja Collective Agreements precedenti, annexes, appendici u Agreed Minutes.

It-Tribunal josserva li galadarba gie ppruvat u accettat li kien jezisti ftehim verbali (gentlemen's agreement) fl-1989 u li dan il-ftehim ma kienx jeskludi lil Charles Fenech, meta allura originat it-tilwima ezistenti, wiehed jista'

ragonevolment jikkonkludi li ma jarax ghaliex it-transizzjoni tal-ftehim verabli dwar Fenech taht Ftehim Kollettiv li ma kienx jnkludi l-Artiklu 1(2) tal-Ftehim Kollettiv vigenti, ghal meta zviluppat it-tilwima u giet riferita lit-Tribunal Industrijali f'Mejju, 1996, ghandha titqies raguni serja u gusta bizzejjed biex tissupera l-applikazzjoni tal-gustizzja naturali.

F'dan il-kuntest, it-Tribunal jifhem li l-applikazzjoni tal-Artiklu 1(2) tal-Ftehim Kollettiv vigenti normalment ikopri biss dak li jispecifika u ma jaghmel  l-ebda referenza ghall-ftehimiet ohra, miktuba u/jew verbali ghajr dawk elenkati.

Barra minnhekk, it-Tribunal jifhem li biex dan l-artiklu jkun applikat gustament ma jridx ikun hemm cirkostanzi u kunsiderazzjonijiet ohra bhal dawk citati aktar 'il fuq li jirrendu l-applikazzjoni ta' l-istess artiklu ngust, bhal fit-Tilwima in ezami.

8. **DECIZJONI**

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, ra u ezamina l-korrispondenza u dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkunsidra s-sottomissjonijiet u t-trattazzjonijiet finali, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijijiet citati hawn fuq, isib li hemm provi sufficjenti u gusti bizzejjed biex jilqa' t-talba tal-Union li Charles Fenech jigi promoss Higher Technical Officer.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li Charles Fenech jigi promoss Higher Technical Officer b'sehh mill-istess data wara dawk li gew promossi fl-istess grad bhala rizultat tar-Rapport tas-Selection Board datat 18 ta' Ottubru, 1993.

It-Tribunal jiddeciedi wkoll li din id-Decizjoni tapplika biss u specifikament ghall-Charles Fenech.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

----------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

[

----------------------
**Frans Coleiro**
**MEMBRU**

----------------------
**Alfred Mallia Milanes**
**MEMBRU**

--------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg